# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba i tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, it-12 TA SETTEMBRU, 1912. NRU. 31.


*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il "Boys Brigade".

Fis-7 ta Settembru.

ĦABIB ghażiż,

Ladarba ghoġboc dac li ctiblec fuk il PROGRAMMI TAL FESTI, ghax ippublicajtu minghajr ebda osservazioni, kabel xejn nirringraziac: u issa, jecc tippermettili, nghidlec xi ħaġ'oħra fuk argument ŭisk impurtanti, ghad li differenti ħafna. Cioè, bil permess tieghec, sejjer naghmel xi osservazionijet fuk il *Boys Brigade.*

Ma nafx tchellmux fuk din il qŭistioni gazzetti oħra bil Malti, ghax jen m'iniex associat ħlief fil ĦABIB: imma bit-talian u bl'inglis ilhom sejrin jirrispondu lil xulxin actar minn xahar diversi chittieba tajbin, min ighid favur u min contra. Jixrak, mela, li nghid jen ucoll l'opinioni tieghi.

Hemm min jippretendi li b'daŭn il brigati tat-tfal li kieghdin jinġabru tas-Sliema mis-Salesiani u bnadijet oħra, kieghed isir il gid, ghax it-tfal, f'lôc li jibkghu mitlukin jiggereŭ mat-torok, jingemghu, bil ħajra li jilaghbu ta Suldati, u jitrabbeŭ fid-dixxiplina, fl'ubbidienza u fl'educazioni: imma ħadd ieħor jirrispondi li din il moda tal «Boys brigade» l'eŭŭel nett ħarġet biex isservi lill Gvern ghal mita icun irid jaghmel il *Leva militari*, jigifieri li, f'certu żmien, per esempiu mal 20 sena, cull-ħadd jittieħed suldat bil-fors, bħalma hemm il Ligi geŭŭa l'Italia, geŭŭa Franza u pajjisi oħra; u, barra minn dan, it-tfal jitilghu suppervi, mimlijin bihom infushom, libertini, ghażżenin, spaccuni, ghax iŭaħħlu f'rashom li huma Suldati tas-seŭ.

Min ghandu ragiun?....

Jen naħseb li ghandhom ragiun daŭn tal aħħar, ghax it-tfal inkishom bħax-xitel: mita siġra tcun ghadha xitla, tilŭiha, ixxabbatha, tiżborha chif trid int, biex ticber u titla sabiħa: imma la tilħak teħxien u tieħu il posizioni taħħa, jeŭ tħalliha hecc jeŭ icolloc taħsadha minn ŭiċċ l'art. Ma nafx spiegaitx ruħi tajjeb! Nispera li iva!

Jecc it-tfal trabbihom bid-draŭŭiet tas-Suldati, bil gusti tas-Suldati, bil għâda tas-Suldati—mita isiru giuvintur u irgiel, ta Suldati iridu jibkghu jaghmluha. U Malta ma icollhiex biex tiftaħar bihom, ghax nafu is-Suldati x'iroddu u chemm huma patriotti daŭc li jintilfu ŭara il Militar.

Imma, mil banda l'oħra, m'hix ħaġa ħażina, anzi ħaġa tajjba ferm li it-tfal, specialment tal baxxi, li jitilkuhom jiggereŭ mat-torok u ma jatu ebda cont ta fejn imorru u ma min jaghmluha, jinġabru minn persuni tal ħeġġa u tal carità, bħalma huma minghajr dubiu is-Salesiani, biex irabbuhom fil biża t'Alla u ighallmuhom, per mezz ta loghob xierak u onest, chif ghandhom igibu-ruħħom fid-dinja, ħalli, mita jicbru, icunu irgiel seŭŭa u galantomi. Dan min jista jinnegaħ?...

Aħna, però, mita conna żghar, ma morniex nirrollaŭ Suldati: u daŭc li, f'ħajjet Alla, tellghuna religiusi, onesti, patriotti u ħaddiema, chienu jużaŭ mezzi oħra biex idarruna l'obbedienza u id-dixxiplina. Conna nilaghbu bl'Artali, conna nilaghbu bil bandla (li hi ginnastica tajjba ghall gisem daks tal blalen u tal azzarini), conna naghmlu it-tiġrijet, conna naghmlu it-teatrini, conna nid-devertu b'mit elf loghob bħal dan, li ghaliħ conna nissaħħru: u is-Salesiani, li ħadd ma ighaddihom fit-taghlim u fir-*ricreazioni* tat-tfal, ghax ghandhom mis-Sema il ghajnuna u id-daŭl tal Venerabili Dun Bosco, li hu il creatur tal oratori u tal ġraden festivi, jistghu, bil mezzi cbar ta 'llum u bil ħrara 'mkaddsa taħħom, jiġbdu lejhom it-tfal tal Poplu u isalvaŭhom mil periculi, minghajr ma jaghmluhom Suldati......

Jecc tieħodhom ŭieħed ŭieħed, anche fost is-Suldati hemm il kaddisin u il patriotti, hemm il capijet esemplari tal familji, hemm il ħabrieca u il bieżlin: u jen ma irrid noffendi il ħadd. Imma il *Militar*, fiħ in-nifsu, isalva il pajjis fi żmien il gŭerra (li Malta ma icollna katt); u jirvinaħ, bil pretensionijet tieghu, fi żmien il paci. Mela, mhux drillijet, u marci, u parati biċ-ċajt ghandna bżonn mit-tfal taghna: imma taghlim ta venerazioni ghar-Religion, ta rispett ghall'Aŭtoritajjet collha, ta spiritu patriotticu ghall Malta, ta sentiment ta irġulija fil familja u fil publicu, per mezz ta molol u ta ricreazionijet oħra. U is-Salesiani, ŭerrieta ta Dun Bosco, mibghut mn'Alla fid-dinja biex iseŭŭi il ħsarat tas-Società bl'educazioni tajjba tat-tfal—is-Salesiani, li din il Gżira ghandha tant obbligazionijet lejhom, jafu isibuhom u jafu iħaddmuhom daŭn il molol u daŭn ir-ricreazionijet.

Jena persŭas li il *Politica* ma tindaħal xejn f'din il qŭistioni tal «Boys Brigade»: u chiecu cont nid-dubitaħ, ma contx nitchellem, ghax naf li il ĦABIB ma iħobbx iċappas idejħ bil Politica. Xejn ma jonkos, mela, ħlief li aħna nifhmu il xulxin.

Collni tieghec,

R. F.

## Il Cungress ta Londra.

(3).

Ŭieħed mill'ictar impurtanti fost il Cungressi collha li saru fuk is-Sagrament tal Eŭcaristija, chien certament il Cungress li sar geŭŭa Londra, il Belt Capitali tal Inghilterra. Dana il Cungress sar fit-13 ta settembru ta 1908. Chienet ħaġa cbira, chif fil Belt Capitali tal Protestantismu, ŭara 300 sena li chienet ilha minn hemm imneħħija il fidi imkaddsa, issir festa pubblica fuk is-Sagrament tal Eŭcaristija.

Sabiex jirnexxi dana il Cungress ta Londra, chien hemm bżonn kabel xejn li isir Cumitat, ħalli jaħseb ghal tant ħŭejjeġ meħtieġa, bħalma huma il ġbir tal flus, it-tiżjin tal Cnejjes fejn isir il Cungress, it-tiżjin tat-torok mnejn tghaddi il Processjoni bis-Sagrament, l'armar, id-decorazzjonijet, il lakgha tal mistednin, ir-rigal li jigi moghti lill Cardinal rappresentant tal Papa u ħŭejjeġ bħal daŭna li jaħtieġu studju cbir ħafna, bħalma ġà bdejna naghmlu aħna, ghall Cungress taghna: ġà sar fostna dana il

Cumitat u kieghed jaħseb u jaħdem ħafna, biex anche il Cungress ta Malta jirnexxi bħall'oħrajn li saru kabel. Dana il Cumitat ghandu icun maghmul minn persuni zelanti, ħaddiema, intelligenti, li jafu jaħsbu u li icollhom li stima u il fiducja tal Poplu. Hecc ghamlu geŭŭa Londra, biex jirnexxi dana il Cungress Eŭcaristicu, l'eŭŭel ħaġa li ghamlu chienet dina, ghamlu il Cumitat, biex jaħseb ghall festa tal Cungress, u dana il Cumitat ta Londra chien maghmul minn personaġġi cbar, personaġġi nobbli, bħalma chienu l'Arci-Iskof ta Westminster, Monsinjur Bourne, illi sar Cardinal ftit tax-xhur ilu u li meta sar Cardinal, kabel ma mar pajjiżu, giè haŭn Malta ghal tal apposta, imħabba fil Cungress taghna, u li, chif ighidu, ghandu jigi ucoll is-sena li gejja haŭn Malta ghal dan il Cungress; chif ucoll, bħala President tal Cumitat ta Londra, chien id-Duca ta Norfolk, li hu l'actar bniedem nobbli geŭŭa l'Inghilterra, u cattolicu mill'actar, il Marchis ta Ripon bħala Vici-president, u l'Iskfijet collha ta Londra bħala membri.

Dana il Cumitat chien meghjun minn erba' associazzjonijet cattolici l'actar cbar li jinsabu fl'Inghilterra, u li cull ŭaħda minnhom chellha xi servizz specjali ghall festa tal Cungress. L'eŭŭel ŭaħda, li tissejjaħ l'*Unjoni Cattolica*, giet maghżula biex tieħu ħsieb tal mistednin u tilkaħħom chif jixrak. It-tieni ŭaħda, li tissejjaħ l'*Associazzjoni Cattolica*, chellha tieħu ħsieb tal vapuri tal art u tal baħar, biex tiġbed ictar in-nies mid-dinja collha. It-tielet ŭaħda, li tissejjaħ il *Federazjoni Cattolica*, biex tieħu ħsieb tal lakghat li icun hemm bżonn li isiru sal festa. Ir-raba ŭaħda, li tissejjaħ is-*Società tal Verità*, biex taħseb ghall lakghat tas-Sezzjoni tan-nazzjonijet differenti, li chellhom imorru ghall Cungress.

Barra minn daŭna l'erba' Associazzjonijet cattolici, il Cumitat chellu ghajnuna oħra minn sitt cumitati particulari li jissejjħu sottu-cumitati, ħalli jieħdu ħsieb tal Iskfijet collha Ingliżi, tal Cleru u il persuni l'actar nobbli tal Inghilterra.

Il Cumitat Generali, flimchien mas-sottu-cumitati u bil ghajnuna tal associazzjonijet cattolici imsemmija, malajr kajjem l'Inghilterra collha, ħabbar il Cungress ta Londra ma cull-imchien: il cattolici lakghu bi cbira ferħa l'aħbar, u meta ŭasal iz-żmien li fiħ chellu isir dana il Cungress, ghamlu il Programm tal Festi. Il Cungress chellu isir fit-13 ta settembru ta 1908 geŭŭa il Belt ta Londra: chellu jigi ippresiedut mil Cardinal Vincenzu Vanutelli, bħala rappresentant tal Papa. Il lakghat chellhom isiru fil Palazzi *Albert Hall*, *Canton Hall*, *Westminster Hall*. Il funzionijet religjusi fil Cnisja cbira u sabiħa tal Catidral ta Westminster. Il festi chellhom jibdeŭ mid-9 tax-xahar ta settembru, fl'erbgħa ta ŭara nofs in-nhar. Il ħamis u il gimgha, jigifieri fil 10 u fil 11 tax-xahar, chellu icun hemm il lakghat generali fil Palazz *Albert Hall*, Palazz tant cbir, li fiħ jistghu jokoghdu bil kieghda 15,000 ruħ. Il Ħadd, it-13 tax-xahar u l'aħħar ġurnata tal festa, ŭara nofs in-nhar chellu jaghlak il Cungress bi Procissjoni solenni bis-Sagrament, li chellha iddur mat-torok principali ta Londra u li chienet ġà aŭtorizzata mis-Sultan Dŭardu VII.

In-numru cbir tal ittri li ircieva il Cumitat mid-dinja collha, minn persuni l'actar rispettabbli, ŭira biċ-ċar illi chien sejjer jirnexxi dana il Cungress, li chien sejjer icun ŭieħed mill'acbar u mill'isbaħ u li chienu sejjrin jieħdu parti fiħ ictar min 50,000 ruħ barranin.

(*Jissocta*) Dun Anton Vella, d.d.
(*Cappillan ta ħal Luka*).

## Chitbulna :—

Sur Direttur,

Billi naf chemm hu fl-idejn l-imfaħħar ġurnal tiegħec *Il Habib*, ħsibt u rajt li nicteb scond il-ħila tiegħi xi articuli li nitolboc bilkima collha li tistampahomli f-dan il ġurnal, jecc tcun tisthokkilhom lis-stampa.

L-articuli li jiena sejjer nicteb quasi collha icunu sejrin juru l-esistenza t-Alla, u icunu meħudin għallavolja mux f-collox mil-imfaħħar ctieb tal-Patri Paul Segneri li hu msemmi *L'Incredulo senza scusa*. Dan il-ctieb jisua mitkhulu deheb, jogħġobni tas-seu u b-leħħa cbira krajtu iżied minn darba; hu għalliemi ħafna, fiħ tidħol iva t-teologija naturali, l-psicologija, l-fisica, l-astronomija u xienzi oħra: imma l-iżied li jogħġobni u ħajjarni li nicteb xi ħaġa minnu bil-malti, għax hu icun ta' gîd mux biss għal dauc li ma jemmnux f-Alla, imma uisk iżied għal dauc li jemmnu fiħ. Daun tal-aħħar jarau fiħ is-sbuħija tal-veritajiet li bihom hija mżejna r-Religion Cattolica tagħna.

Jiena nistinca chemm nista' biex dac li nicteb icun ċar u li jiftihem, u inuegħedec li nibgħatlec articulu cull gimgħa, jecc jien ma ncunx imfixchel minn xi ħaġa u jecc inti tcun trid; iżda jecc dac li nictiblec ma icunx jogħġboc, nitolboc li ma tistampahulix, għax aħjar ma jigix stampat, inchella minn f-lôc li jagħmel il-gîd, jagħmel id-deni.

Iħossni mgħolli ħafna li jiena ma naficx, imma jecc jiena ma naficx fil-persuna, nafec tajjeb fit-chitba tiegħec li niħu tant gost li nakraha. L-iżied li ħadt gost mita krajt it-tkabbil tiegħec u l-polemica li bi-cbir għakal għaraft iżżom tant fil *Malta* chemm ucoll fil-*Habib*, biex tiddefendi l-ilsien ħelu malti.

Niżżic ħajr uisk mid-dika li sejjer (chif nitma) tieħu bija, u fil-uakt li nitolboc li ma tkiegħedx taħt l-articuli ismi sħiħ, inselli għalic ħafna u għoddni mil-lum il-kuddiem bħala ħabibec.

31/8/12. E....F....

## CHEMM HU TA' MIN JISTMERRU L-ATEISMU.(*)

Hi ħaġa uisk cherha u li tchexchex illi l-bniedem minn f-lôc li ikim u jueġġaħ l-Alla chif imissu, iregħexu, jixgħel għalieħ u saħansitra itenni minn fommu din id-dagħua uaħxija "*Non est Deus*", ma hemmx Alla. Tas-seu li jecc hija jebsa li tilħak l-għôli tal-virtù, ma hix ħaġa ankas jebsa li tasal f-dan l-għilt li tiċħad il-cheun (l-esistenza) t-Alla. Għaldakstant il-bniedem kabel ma jasal f-dan li stat faħxi, jinħtieġlu mux biss li jitlef id-dehen, iżda li irid jitilfu; għalhecc it-tnissil ta' din l-eresija jintgħamel mir-rieda, li mħabba n-natura tagħha mħassra hi mixħuta għal cull vizzju u għal cull għilt illi tasal biex tiċħad il-cheun tal-Ħalliek tiegħu. U f-dan li stat jasal il-bniedem lè mux malajr, iżda bil-kajla l-kajla; infatti jibda għal l-euuel iħalli d-drauuiet it-tajba, iżeblaħ imbagħad cull virtù, u fl-aħħar biex icun ħieles fil-pjaciri mukżieża tiegħu, jigi biex jiċħad l-Alla. U l-għamil ta' dan il-mostru faħxi hua jeuilla seu? Fejn katt instama' li biex tagħraf is-seuua ma tinħtieġ il-virtù tat-temperanza? Hi fhema tal għorrief collha li biex tfittex bir-rekka collha xi verità anche l-iżied comuni jinħtieġ li uieħed icollu kalbu mux imfixcla mix-xeukat ħżiena. Mela min jitħalla jintgħaleb mit-tħamħim (mil-corla), mil-ħiena, mix-xeuka li jicber u minn cull xeuka ħażina, ma icunx jista' jagħraf is-seuua. Liema hena uieħed jicseb fis-setta tal-ateisti li fiha hecc hua kauui t-tżargin li tkiegħedlu kuddiem għajnejh l-acbar għilt li katt jista' jitgħata?

(*) L-ateismu hua n-nukkas tat-tuemmin f-Alla.

L-ateisti igħallmu illi ma jintgħatax Alla, għaliex ma narauhx b-għajnejna. Imma din x-ħaġa hi, liema maħluk katt żamm li b-għajnejna għandna narau dac li hu spirituali, bħal ma hu Alla? Daun l-eresjarchi, li igħallmu hecc bil-fors li tilfu d-dehen tagħhom, biex ipaspru biċċa bħal din. L-għajnejn jarau dac li hu oggett tagħhom; u l-ħuejjeġ spirituali ma humiex oġġett tal-għajnejn, ma jistgħux jarauhom, iżda biss jistgħu daun il-ħuejjeġ spirituali jinfthemu. Imbagħad jecc għajnejna ma jistghux jarau l-Alla fieħ innifsu, jistgħu imma jarauh fl-effetti tiegħu, fl-agħamil tiegħu. Infatti chif jarau r-ruħ talbniedem li hi ucoll spirituali u b-għajnejna ma tidhirx? jarauha jeuilla fiha in-nifsha? Lè sigur; iżda jarauha fl-għamil tagħha, għaliex jecc jarau l-gisem tal-ħaddiem, li inakkax, iħażżeż, jistampa, isauuar etc., sgur li l-ateista dlonc għid li dal gisem hua ħaj, għandu r-ruħ. Iżied; l-ateista jokgħod sigur għall autorità ta' xi ħadd li jistħokklu t-tuemmin u li iħakkaklu illi x-xemx, bħal ma hi, hi bil-bosta acbar mil-art. Mela la darba hu jintrebaħ mir-ragiuni u mil-autorità f-daun il-ħuejjeġ, għandu ucoll iciedi għar-ragiuni u għall autorità, li itennulu illi hemm Alla. U jecc f-dil ħaġa ma iridx jokgħod għalihom, juri biċ-ċar li haun ma iridx icollu kies jeħor fit-taħdit tiegħu ħlief li stess cburija tiegħu, li stess suppervja tiegħu: għaldakstant bir-ragiun collu nistgħu ngħidu li jecc it-tħassir tar-rieda hua l-missier, l-jebusija u l-cburija tal-moħħ hija l-omm tal-ateismu. U tant hi l-cburija tal-ateisti li iġġagħalhom iżommu b-għerf dac li hu blugħa, dac li hu għilt, u iżied ma icun acbar dan l-għilt, iżied iżommuh l-acbar għerf. Issa billi fihom cotrot u żdiedet b-imħabba għall pjaciri mukżieża u irtħeu għal cull ħażen, ma jistgħux chif giè giè ibiddlu u iseuu ħajithom, u l-agħar hu li chif is-suldat fi-akkal tat-taktigħa ma jindunax mix-xerħa tiegħu, hecc ucoll ma jindunaux mid-dakkiet li tballat fukhom il-verità, biex treġġaħhom għat-trik it-tajba tant bl-għajnuna tal-autorità tal-ġnus collha chemm ucoll bir-ragiuni, chif, jecc Alla irid, għâd narau l-kuddiem. E. F.

## MIRACLU!

Ingibu bil Malti, chelma b'chelma mil *Corriere della Sera*, gażetta ta Milanu: (*)

«Il *miraclu* ġara fis-Santŭarju ta Oropa, ħdejn Biella, fil Piemont (l'Italja ta fuk).

« Il fatt sar fit-18 t'aŭissu (li ghadda) u l'imfejjak hu ŭieħed jismu Michiel Parolino. Fuk dan il fatt sejjrin nghidu dac li kaltilna ŭaħda mara, Anni Ruffino, minn Vandorno, li sguratna li ratu isir b'ghajnejha.

«Chienu x'is-sitta u nofs ta fil ghaxija— chif kaltilna din il mara, li tidher fuk taħħa u moħħa jilħkilha—mita, fit-tieni curitur ta li sptar, rat bniedem kieghdin ighinuh jimxi tnejn min-nies, ŭaħda mara u ġuvnott, li kalu li huma oħtu u ibnu. Hi ghall'eŭŭel ħasbet li dac il bniedem chien fis-sacra, ghax chellu gismu minn nofsu il-fuk bħal mitruħ, dirghajħ mitlukin l'isfel donnhom mejjta u rasu titbandal fuk spallejħ.

« Oħt dac il bniedem kaltilha li chien corra fuk ix-xoghol u chien ilu sentejn f'dac li stât, li ma jistax iżomm fuk riġlejħ ŭaħdu, ghalavolja chienu nefku elfejn franc (tmenin lira ingliżi) biex jiccuraŭħ ghand l'aħjar tobba.

(*) Din il gażetta hi miżmuma b'ŭaħda mill'aħjar, biex ma nghidux bl'aħjar ŭaħda, tal Italja collha: u tas-seŭ li hi ŭisk tal-ħakk u tal-ghakal ma cull-ħadd: iżda m'hix tal partit tal Cleru u mita tigiha li iddokkhomlu, iddokkhomlu. Ghalhecc, mela, ix-xhieda taħħa f'dan il fatt hi ħafna ta min jokghod fukha. Id-Direzzjoni.

«Imbaghd, mil curitur ta li sptar ġarreŭ il marid fil Côr tal Cnisja. U, dejjem miżmum f'idejhom, niżel bit-tbatija ghar-rcopptejħ u poġġa rasu mar-rixtellu tal Cappella, fejn hemm maghluka il *Vara tal miracli.* Ŭara nofs siegha, kalet oħtu li sama vuci tghidlu: *Kûm, ghax int imfejjak.*

«U, ghad li chien ħiereġ gharak cbir minn rasu, kâm fuk riġlejħ malajr, infexx jibchi u bida jimxi ŭaħdu, minghajr ebda ghajnuna, *ghax sab-ruħu tas-seŭ imfejjak f'dakka.* Kaltilna, dic il mara, li reġghet ratu il-ghada fil-ghodu, fil ŭakt li chien kieghed jixtri ftit *Dômni* (tal Madonna); u kalilha li, gimgha kabel, chien ħolom ħolma, fejn chien ra il Madonna u samaħħa tghidlu: *Mur fis-Santŭarju ta Oropa u tfiek.*

« Kaltilna dic il mara—hecc jispiċċa il *Corriere della Sera*—li dac il bniedem, ghadu jirtghod bil ferħa, chitbilha b'idejħ ismu u fejn jokghod fuk nitfa carta; u li hi marret minn rajha tghid bil ŭieħed Cabuccin dac il fatt li chienet rat b'ghajnejha.»

Ma ghadhomx isiru *Miracli ?!....*

# Il beûs tar-riġlejn.

Fiż-żmien li mghoddi, chienu jinbiesu irriġlejn bi xhieda ta kima cbira. Il Grieghi chienu ibusu riġlejn li statŭi tas-Slaten taħħom, biex iħennu ghalihom. Is-Slaten tal Persja u xi uħud mill'Imperaturi ta Ruma chienu iridu li in-nies ta taħthom ibusulhom riġlejhom. Il Lhud chienu ibusu b'rahan ta kima riġlejn il Profeti u ix-Xjuħ taħħom. Sidna Gesù Cristu, biex jiċċecchen fid-dinja b'taghlima taghna, ħasel riġlejn l'Appostli u bieshomlhom.

Inbusu riġlejn il Papa biex nuru kima cbira ghas-setgha 'mkaddsa tieghu. L'eŭŭel tifchira li ghandna tal beûs ta riġlejn il Papa, ħallihielna il Cardinal Baronju: u, chif ighid hu, ġara fi żmien San Cajju, li sar Papa fis-sena 283. Imbaghd, ghandna tifchira oħra ta mita l'Imperatur Costantinu il Cbir bies riġlejn il Papa San Silvestru, fissena 316: u dan ħallieħ mictub il Bibljotecarju Anastasju.

Sa xi żmien, chienu jinbiesu ucoll riġlejn l'Iskfijet: anzi, il *Ctieb taċ-cerimoni ta Ruma* chien ighid li, mita ikaddes Iskof,id-Djaconu, kabel ma icanta l'Evangelju, ghandu jersak ibuslu riġlejħ. U, imħabba f'hecc, l'Iskfijet chienu igibu salib irraccmat jeŭ meħjut fis-sandli li chienu jilbsu fil kuddiesa cantata.

Issa, minn Gregorju Sebgha il-haŭn, il Papiet igibu dac is-salib fiż-żraben ta cull jum, ghax, mis-sena 1073 il-kuddiem, ma bakghux jinbiesu ħlief riġlejn il Papa.

Cull-min jersak kuddiem il Papa, ghandu ibuslu riġlejħ—saħansitra l'Arci-Iskfijet u il Patriarchi: u ghal-hecc f'lôc ma nghidu *irsakna kuddiem il Papa*, nghidu, ghalavolja bil mictub, *irsakna f'riġlejn il Papa.*

Il Cardinali biss ghandhom il jedd li, f'lôc riġlejħ, ibusu idejn il Papa. Riġlejħ ibusuhomlu darba: malli isir Papa, chif icunu ghadhom maghlukin mieghu fil *Conclav*, b'att ta kima ghas-Setgha tieghu fukhom; u, imbaghd, il Cardinali il ġodda li jaghmel hu chemm idum Papa, ibusulu darba riġlejħ dac in-nhar li ilibbishom il *Cappell l'aħmar.*

Imma Piju Ghaxra, b'dic il kalb ta Anġlu li ghandu, jati idu lil cull-ħadd: saħansitra lill bdieŭa u lit-tfal ċchejcnin: sgur li minn chemm mijet ta Maltin chellhom ixxorti jersku kuddiemu, Sacerdoti u Seculari, cbar u żghar, ghônja u fkar, ħadd ma laħak bieslu riġlejħ. Jena rajtu ikajjem l'ibni ta seba' snin minn ghar-rcopptejħ, biex ma ibuslux riġlejħ; u mhux biss li tbaxxa b'gismu collu lejħ biex jatiħ ibus idu il leminija, imma bl'oħra bida iżeghlu fuk il ŭarda ta ŭiċċu. U bchejt!

## SAN BARTILMEŬ
### APPOSTLU

*(nhar it Ghid tieghu fil Cnisja ta ħal Gharghur)*

*...In omnem terram exivit sonus eorum...*

TERZINI.

Malli Gesù radd l'eŭŭel Salib fukhom,
li mhux iżjed tal ghajb, imma tal barca
chellu icun rahan, biex f'cull ghaŭġ itukhom,

il Ħdax, kaŭŭija biħ bħal sejf u tarca,
flimchien ingemghu; u f'talb bla serħ mihdija,
cull rabta ta mal art ħasseŭ imfarrca.

Imbaghd, f'lôc il Karriek maghżul Mattija,
Stenneŭ li tinżel, bħalma lîlhom tŭeghdet,
biex timlihom bid-daŭl, Ruħ-il-Kdusija.

U kâm bħal riefnu, id-dar fejn chienu treghdet,
ilsna tan-nar dehru gejjin mis-Sema
u ġamra fuk cull ras ŭeħidha tkeghdet!

Chif dac ix-xrar ruħhom u kalbhom ħema
Alla biss jaf! Gerusalemm u dŭarha
tbiccmu bil gherf li fukhom f'dakka 'rtema!

U, mal gherf ġdid, ħeġġa, kalb cbira, ħrara,
li, minn bierdin, imgherrxa u ta bla ħila,
ma stmerreŭ xejn tal Fariżej il ħsara:

imma, felħana, ma raŭhiex bi tkila
li Pietru u Ġanni kalghu 's-sŭat ghax fejjku
bniedem maghtub (id-dinja dac ghamilha,

tħallas il gid bid-deni): u katt ma 'ddejjku
mil ħabs, u mit-theddid, u mil chefrija,
biex rebħu daŭc l'erŭieħ li bl'eluf trejjku.

Mita, 'mbaghd, dic il belt, ghâr tal Lhudija,
imxeŭŭxa mil Cburìn, ghamlet ghalihom,
dammu it-*Tŭemmìn tal Ghakda Nisranija*;

u Ġacbu mitluk hemm, ghax, minnhom fihom
moħtar ta daŭc il ġnus b'iskof eŭlieni,
sa-chemm il Lhud katluħ ried idur bihom;

xterdu mad-dinja: u ma bakax irchieni
minn fejn tfeġġ sa fejn tghib tax-xemx id-dija
li ma semghux leħenhom ġdid u hieni!

Xterdu mad-dinja: u xandru 'l Maghmudija
lil cull maħluk, chif chien ŭissihom Cristu,
sa Bħalu ŭettku id-Dîn bil ħkir u id-dmija.

O Dŭal, o Xmux tal Cnisja, ilcoll irfistu
cull hemm u cull ħruxija taħt riġlejcom:
u ħadd ma kies mil kieħ chif intom kistu,

ghax intom biss stajtu taraŭħ b'ghajnejcom,
chemm sŭiet il Fidŭa 'mràr, chemm sŭeŭ tbatija
daŭc il bniedmin li mortu tiġbdu lejcom!

O Tnax-il-ħaġra minn Gesù mibnija,
biex fukcom, pedament tas-Saltna tieghu,
jitraŭŭmu 'l Kaddisin bil mija-mija,

bħal mirja ta cull sebħ li gieb fl'art mieghu,
biex jeħles l'imjassrin, il Bniedem-Alla,
intom urejtu chemm hu kaŭŭi drieghu!

O Bin-Tilmeŭ, gidd tal Cbarat, imtalla
fuk ŭieħed mil bibien fil Belt tal Genna,
fejn rac l'ôghla Bassàr, chif mictub ħalla,

jecc bìc, Lhudi bla kerk, li Mghallem thenna
u katt bil hejm tal gieħ ma tniġġset kalbec,
ruħec min sata f'ħabta ŭaħda sennha?...

Dħalt f'Cobor ieħor! Giè mis-Sema x'kalbec:
u cbist bil ghatx tal mitlufin! Hemm xhieda
l'eghġubijet li ġraŭ fl'Armenja b'talbec.

Lîlha kaddist: u gismec selħu uliedha,
bħalma Gerusalemm sallbet ir-Rabbi
talli nadifa minn cull ġdiem chien riedha.

Mibeghda fil ħajjnin il gid irabbi:
imm' haŭn, fuk din il ghôlja, fejn idaŭŭlu
actar bil-leħħa 'l cŭiecheb u ix-xemx tghabbi

iżjed bil leŭn il ŭard—haŭn, mnejn jittaŭŭlu
il mifdijìn ghal fuk in-nîr tal meŭġa
li donnha bakghet tidŭi b'leħen Paŭlu,

haŭn, ma cull nifs li jieħdu, ma cull feŭġa
li tbus din il kuċċata, cbira 'mħabba,
bil kima tat-tŭemmìn mal jes imżeŭŭġa,

ma t'Alla u t'Ommu, dlonc Ghalic titrabba.

G. Muscat-Azzopardi.

# Ma dûar il Gżira.

Issa li għaddeŭ il ħafna festi ta fuk xulxin u ħaffejna xi ftit mil poeżiji tal oħrajn, gibna illum, ŭara tliet gimgħat, it-Terzini li conna mitlubin biex nictbu mil ħbieb ta ħal Għargħur, għall festa ta San Bartilmeŭ: u gibniħom mhux għax jidhrilna li huma xi ħaġa cbira, bħalma actarx icun hemm min ifesfes fil ŭidnejn, imma għax talbuħomlna il ħbieb tal Belt—u fosthom ŭieħed għażiż, li ma nafux ngħidulu *le*—biex jaslu f'idejn il karrejja tal *Habib* u jibkgħu miġbura fiħ.

—Daŭc il karrejja li bagħtu jistaksuna għax ir-Rumanz m'hux joħroġ cull gimgħa, bħal kabel, nitolbuħom icollhom ftit tas-sabar: fis-sajf, cull-ħadd irid il mistrieħ tiegħu, għad li għalina dan il mistrieħ m'hemmx li jasal. Is-sajf igħaddi ucoll, bil għajnuna t'Alla: u għoddu għadda!

—Ŭieħed mill'isbaħ Sunetti bit-Taljan, mictuba mil Maltin, hu dac tas-Sur Mast Ŭigi Billion għall festa ta *Stella Maris*. Nifirħulu b'kalbna collha: u, mar-radd il ħajr għall copja li għoġbu jibgħatilna, nitolbuħ li, cull mita inebbet ŭard ieħor il gênju cbir tiegħu, jecc jogħġbu, katt ma jinsiena. Il Professur Billion tŭieled poeta: u il letteratura tiegħu, li ma tibżax titchejjel ma cull ŭaħda oħra, għamlitu chittieb kaŭŭi tal poeżija. Chemm nixtieku li jitħajjar għall Malti! Min hu poeta tas-seŭ bit-Taljan — bħalma għedna darb'oħra għall Professur Dun Carm Psaila—jecc hu Malti, jista f'kasir żmien icun poeta bil lsien tiegħu, għax il lsien m'hux ħlief il libsa tal poeżija u il gênju, bit-Taljan jeŭ bil Malti, jibka dejjem gênju.

—Sa fejn nafu aħna, m'hux minnu li ir-Reverendu Cappillan tal Hamrun għamel l'appell mil caŭża li chellu mas-Sinjurina Saliba, bħalma chien imħabbar, min jaf b'liema ħsieb, f'xi gażetti: u jidhrilna li aħna nistgħu nafuħ ftit aħjar minn ħadd-ieħor, għax id-Direttur tal *Habib* chien id-Difensur tiegħu.

—Mitlubin inħabbru li is-Sur Vicenz De Brincat għandu għall chiri il ħanut li jinsab haŭn il-Belt, strada *Cristoforo*, numru 20. Is-Sur De Brincat jilka l'*offerti* (li għandhom icunu *sigillati*) għall chiri ta dac il ħanut sal għoxrin ta dan ix-xahar: u daŭn l'*offerti* għandhom jinbagħtu strada *San Domenico*, numru 157.

—Għoġbuna il poeżiji li bagħtilna is-Sur Giuseppi Micallef mir-Rabat ta Għaŭdex: u, mita jasal ŭakthom, barra minn ŭaħda minnhom, li tmiss ŭisk il *Habib* u lîlna, għad ingibuħom. Għal issa, nifirħulu u niżżuħ-ħajr mil fehma tajjba li għandu minn'na u mil gażetta tagħna.

—Fl'eŭŭel ta dan ix-xahar, raġa infetaħ, ŭara il vacanzi tas-sajf, li *Stitut San Paŭl* (St.Paul's Institute) ta strada *Sant' Orsla*, numru 23f., dac stess li dari chien ma genb *San-Ġŭann*, imŭakkaf mil Professur Achille Cesareo (Alla jatiħ il Genna). Din li Scola, li minn dejjem chienet miżmuma b'ŭaħda mill'aħjar ta Malta, illum tinsab taħt id-direzzjoni tar-Reverendu Sacerdot Dun Ġŭann Gaŭci,D.D.,M.A., mgħejjun specjalment minn Sacerdot ieħor, daksu għaref, tal ħeġġa u imchisser fl'aħjar Culleggi tagħna, ir-Reverendu Dun Giusepp Darmanin, D.D., B.A., tal Isla—u minn ħafna Professuri oħra, Sacerdoti u Seculari; u fiha mhux biss jitgħallmu erba' lingŭi—il latin, it-taljan, l'ingliż u il franciż—flimchien mal aritmetica, algebra u geometrija, geografija u storja, callegrafija u catechiżmu, imma it-tfal jitħejjeŭ, f'kasir żmien, b'ħabta cbira u b'attenzjoni l'actar scauplusa, għall Liceo, għas-Seminarju, għad-Dock-Yard u għal cull xorta ta eżamijet oħra. It-tfal li m'humiex mil Belt, għandhom fejn jokogħdu f'nofs in-nhar, geŭŭa li stess Scola: u jibkgħu dejjem taħt għajnejn ŭieħed mis-Superjuri. Min irid x'informazzjonijet oħra, imur hemm, middisgħa sa nofs in-nhar, cull jum: u jibka sgur cuntent, għax aħna nafu x'kiegħdin nirriccmandaŭ b'kalbna collha.

—Inħabbru bil ferħa li din is-sena it-tiġrjjet tal *Vitoria* marru seŭŭa u bil għakal. Chien hemm eluf ta nies li iddeverteŭ chemm riedu, bla ma għemgħem ħadd bil għarucażijet tas-snin ta kabel.

—Marru tajjeb ucoll il festi tal Isla, seŭŭa nhar il gimgħa fil għaxija, fit-*Tifchira tal Vitoria tal 1565*, imsejjħa it-*8 ta Settembru*, fejn saru *Discorsi* u *Dimostrazzjonijet* sbieħ fuk il Patrja; u seŭŭa is-sibt u il ħadd, fil festa 'mkaddsa tat-*Tŭielid tal Madonna*, li saret bl'acbar pompa, geŭŭa il Cnisja u barra, chif jaf jagħmel u jagħmel ta cull sena il Poplu tal Isla.

—La kiegħdin nitħadtu fuk dan, insemmu fl'aħħar nett, biex ħadd ma igħid li inħobbu niftaħru kuddiem billi nagħmlu aħna, iż-żeŭġ *Discorsi* li saru fuk ir-*Rebħa tal 1565* fil Palazz Caraffa, mill'*Unjoni Cattolica*, il ŭieħed bil Malti, nhar is-sibt fil għaxija, minn Monsinjur Canonicu Professur Dun Paŭl Gaŭci, għall'imsieħbin tal Unjoni biss, u l'ieħor bit-Taljan, nhar il ħadd fil għodu, mir-Rev. Dun Ġŭann Gaŭci, D.D., M.A., għall mistednin, li chienu magħżula fost l'akŭa u l'aħjar nies ta Malta. Il ŭieħed u l'ieħor chellhom applaŭsi cbar, chif chien jistħokkilhom, mhux biss għax daŭn iż-żeŭġ Sacerdoti, aħŭa fid-demm u aħŭa fil ħsieb, cull-ħadd jaf li huma ta ħeġġa u ħila cbira, imma għax f'daŭn id-Discorsi taŭ xhieda ucoll tal Patriottiżmu taħħom. Nifirħulhom it-tnejn u nifirħu lill Sħabna tal Cumitat tal *Unjoni Cattolica* li għarfu jagħżluhom. Għandna, fl'aħħar nett, niżżu-ħajr lill Monsinjur Gaŭci, li, billi għamel id-*Discors* f'lôc id-Direttur tal *Habib*, chif għedna il gimgħa l'oħra, għoġbu jitchellem tajjeb fuku, għad li contra il meritu tiegħu.

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Il bliet tan-naħa tal Punent jinsabu taħt flagell cbir li hu l'ilma. Għal tmin ti jiem Nottingham, Leicester, Peterborough, Stockmarket, u Norwich chienu imgħottija bl'ilma. Il vapur tal art, it-telefonu u it-telegrafu ma ħadmux. L'uċuħ collha anche il patata huma mitlufa għal collox u dan jigifieri li il bdieŭa u il fkar sejrin ibatu il ġuħ ix-xitŭa li gejja. Daŭn il bliet chienu bil-lejl qŭasi collha fid-dlam. F'Samford, 250 dar huma imdaŭrin bl'ilma u ma jistgħux jatuhom għajnuna. It-temp għadu ma kagħadx. Bosta miljuni ta liri b'din id-disgrazja huma già intilfu.

B'ŭisk ragjun sejra tkankal li tcun decisa minn arbitral, il katgħa tal President Taft, fejn iddecida li il bastimenti americani li igħaddu mill is-strett ta Panama li għandu jinfetaħ minn haŭn tlet snin oħra, ma għandhomx iħalsu id-dritt tal passaġġ. Dan hu ta pregjudizju għal pajjiżi l'oħra, għaldakstant in-nazjonijet collha sejrin igħejnuha f'din il biċċa.

*Germanja*—Intkal li l'Imperatur chien marid, u li għandu mart icreħ fi grieżmu, imma hua jinsab tajjeb u siefer għall Svizzera fejn dam erba ti jiem, u kagħad għall manuvri, ispezjona it-truppi.—L'Imperatur mar għaċ-cerimonja religiusa ŭisk cbira li saret fil miftuħ f'Berlin, u ŭara ispezjona it-truppi u dan fl'anniversarju ta meta ŭakgħet Sedan fil guerra ta 1870 mal franciżi.

F'Branchaet saru sperimenti ta mitragliatrici li biha l'areoplani jistgħu jiddefendu rŭieħħom mill għedeŭŭa mill'art. Il mitragliatrici tiżen 15 ir-ratal u tista tispara 500 tir cull minuta. Il provi irnexxeŭ tajjeb.

Il Princep Enricu telak għall Pietroburgo, fir-Russia, biex jibka il Ġappun għall funeral tal Imperatur.

Haŭnecc kiegħed jati ŭisk x'jaħseb is-Socialismu. Li stampa ta dan il partit tgħodd 1,500,000 abbonati; fl'aħħar elezzjonijet intefku 910,000 marchi (scellini); fil Caxxa jinsabu 62 miljun, u fil Parlament hemm rappresentanti tiegħu minn cull belt barra minn erbgħa bliet biss.

*Bulgaria*—Daŭn il ġranet il re Ferdinandu għalak 25 sena li tala' fuk it-Tron u saru festi cbar. Dan ir-re hua ta curaġġ, iħobb ferm il poplu, u dejjem sa issa il fortuna dakkitlu; imma għandu tebgħa ŭisk cbira li kaleb ir-religion ta ibnu biex jitħabbeb mal poplu.

Saret lakgħa ta elf delegat u tħadtu fuk il posizjoni ħarxa li tinsab il Macedonia. Giè maktuħ li it-truppi għandhom jimbagħtu fuk il frontiera Torca u icunu mitluba il Potenzi biex il Macedonia u il vilajet ta Adrianopoli jibdgħu jiggvernaŭ lilhom stess u ineħħuhom mil jasar u il chiefrija tal gvern Torc.

*Marocc*—Fi ftit snin telgħu fuk it-tron ta dan il pajjiż tliet slaten aħŭa, ŭara ħafna ċarcir ta demm. Issa gejj il kuddiem El Hibba li jippretendi li ichecci is-sultan ġdid Mulaj Jussuf.—El Hibba għandu lil ħuħ stess u il Califa bħala capijet tal partit tiegħu. Ingħad li ħuħ giè maktul f'Suk-el-Arba ŭara taktigħa.

Il vapur *Druentia* li mar l'art fuk is-sicca ta Cukacha, imħabba iċ-ċpar, salvaŭħ u chellu għajnuna mil franciżi, minn bastiment tal gŭerra *Du Chayla*, u minn cumpanija ta żŭavi.

*Turchija*—F'dan il pajjiż it-taħŭid hu cbir ŭisk għax l'Istati collha tal Balcani huma lesti biex imeximxu xi biċċa minn dan il marid; għalhecc actarx hu veru li il Bulgarja, il Grecja u is-Serbja ftehmu li jagħmlu gŭerra lit-Torc.

Il fizzjali tal gendarmerija u tat-truppi ta El Bassan, Gorica u Debra imŭeġġgħin biddiscors tal Albanisi iridu imorru Monastir biex jivvendicaŭ irŭieħħom. W.

Mil Lucerna tal Hajja.—23. Aħrab dejjem fil bgħid u malajr minn cull-ma iħajjrec u jiġbdec għad-dnub.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### GHIDLI X'IN HU.

1. Fija għandec is-sustanza.
2. Takkab gismec, noħroġ jen.
3. Lili tixrob, katt vacanza.
4. Jen żeŭgejn.
5. Jena fil ġnien.
6. Mietli 'r-ragel u bkajt ŭaħdi.

Hemm fir-raba cull-imchien.

Ginu.

L'aħħar *Taħbit il moħħ* chien:

"Min mar Filfla lemaħ taħtu blata cbira."

(Araŭ: mi n ma r f'il f'la, le ma ħ taħt u bl'a ta (cbira).

Giebuħ tajjeb: mil Belt, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sinjuri G. Attard, Carmelu Grixti, Paŭlu Camilleri-Bezzina, Piju-Marija Gaŭci u G. Sciberras—mil Calcara, is-Sur E. Cachia—u minn Għaŭdex (*ir-Rabat*) C. A. u (*San-Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.